# L-ISTORJA TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ

## TA' DUN SALV CIAPPARA

*Jikteb Frans Sammut*



Għall-ħabta tas-snin tmenin tas-seklu dsatax kien hemm f'Malta rebbiegħa sabiħa ta' tagħlim, ktiba u mużika li jixhduha l-kotba li ħarġu dwar bosta oqsma f'dawk is-snin. Jixhduha wkoll il-"kmamar tal-qari" (*sale di lettura*), li kellna waħda minnhom Ħaż-Żebbuġ skond Ninu Cremona, u fost oħrajn għad hemm dik tal-*Casino Notabile* li taraha int u tiela' s-Saqqajja.

Fost il-kotba li ħarġu f'dan l-istaġun ta' twarrid sfiq tal-kultura nsibu l-ktejjeb ta' 110 paġni ta' Dun Salv Ciappara *Storia del Zebbug e sua Parrocchia* (1882). Dun Salv, qassis magħruf għal tjubitu (f'dik l-istess sena ħareġ minn butu l-flus għan-nefqa ta' l-irħam tal-kor tal-Knisja ta' San Filep), ma stampax wisq kopji ta' dal-ktieb li nbiegħ b'benefiċċju għall-istatwa l-ġdida ta' San Ġwann Evanġelist. U l-lum, il-ftit, tgħoddhom fuq is-swaba' ta' id waħda, li għandhom kopja, jgħożżuha bil-kbir. Jien wieħed minnhom.

Iżda dal-ktieb ma ngħożżux biss għax jien wieħed minn dawk il-ftit. Ngħożżu fuq kollox għall-għadd ġmielu ta' tagħrifiet li fih dwar ġrajjiet raħal twelidi. Għad li huwa tagħrif fil-qosor u mingħajr tlellix, jagħti ħjiel tal-qofol tal-ġrajjiet kollha li seħħew f'Raħalna mill-1380 sa l-1880 - ħames mitt sena sħaħ - li l-kittieba ta' żmienna, minkejja l-għejun akbar u tagħrif usa' li jistgħu jsibu l-lum, xorta jmorru lura lejh sabiex joħolqu d-dehra sħiħa tal-medda twila ta' snin li tulhom Raħalna ta sehem fi ġrajjet Malta u ħalla l-għelm tiegħu li ma jitħassar qatt.

M'għandniex xi ngħidu, it-tagħrif li jagħtina Dun Salv Ciappara huwa mlewwen (ġieli għall-aħjar, daqqiet għall-agħar) mit-tagħrif ġenerali miżmum mill-istoriċi ta' żmienu, l-aktar Ġan Franġisk Abela u Panzavecchia, u fejn jidħol l-Ilsien Malti, lil Vassalli nnifsu li jibqa' jsejjaħlu b'kunjomu oriġinali Vassallo (billi l-aktar li rnexxielu jagħmlu magħruf bħala Vassalli kien Ninu Cremona erbgħin sena wara). Barra minn dawn, Ciappara jistqarr fi dħul il-ktieb li l-għejun tiegħu kienu wkoll Ġan Anton Vassallo, Castagna, Ferris, ix-xogħlijiet ta' Patri Pelaġju, il-ktieb tal-Kronoloġija tal-Kappillani, l-attri ta' Duzina, il-kotba ta' l-amministrazzjoni u l-kitbiet l-oħrajn misjuba fl-arkivji tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ.

B'danakollu ma hemmx tagħrifa waħda li għandha x'taqsam ma' Ħaż-Żebbuġ fis-sekli mdawlin mix-xjenza (u mhux biss mis-sentiment jew mill-emozzjoni, biex ma ngħidux ukoll mis-superstizzjoni), li m'hijiex siewja u ta' min wieħed jorbot fuqha. Anzi hemm xi tagħrif 'l hawn u 'l hinn li lanqas b'kitbiet ta' warajh ma jidher.

Ngħidu aħna, f'paġna 69, insibu t-tagħrif dwar Maria Abela, qariba ta' Vassalli li fl-atti ta' Giuseppe Bonano tad-9 ta' Frar, 1797, ħalliet il-flus għall-priedki tal-mewt


STORIA

DEL

ZEBBUG E SUA PARROCCHIA

CON

MOLTE E SVARIATE NOTIZIE

RISGUARDANTI

LA

STESSA TERRA

E

Parrocchia

PEL

S. S. C. D. Z.

Tipografia Maltese dell' Immacolata Strada Forni No. 193d,

MALTA

1882.

it-tajba *(la buona morte)* tat-tieni Ħadd tax-xahar u l-priedka ta' l-Agunija tal-Ġimgħa l-Kbira.

U fejn xi tagħrif m'huwiex eżatt (għax imsejjes fuq l-għarfien ta' żmienu jew imnebbah minnu), il-fittiex attent jieħu pjaċir jikseb dan id-dawl fuq il-qagħda tal-għarfien ta' żmienu nnifsu. Eżempju ta' dan jidher ukoll f'paġna 69, fejn il-kittieb isemmi lil Vassalli bħala "Michelangelo" flok "Michelantonio". Dan kien żball li jsir ta' sikwit f'dawn l-ismijiet.

Iktar dwar Vassalli...f'paġna 65, Ciappara jgħidilna li l-Markiż Mikiel Apap (li fil-fatt kien parrinu ta' Vassalli) ssieħeb ma' Dun Ġan Patist Caruana biex wettqu l-pjani tal-bini tal-Knisja ta' l-Anġli.

Fuq kollox, Ciappara huwa onest għal kollox fir-rakkont tiegħu u ma jħallix l-emozzjoni tiġri bih. F'paġna 73, ngħidu aħna, jagħtina stampa ċara ta' dak li ġara fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Jgħidilna: "Fl-ewwel jiem tal-qawmien kienet ittellgħet il-bandiera bajda u ħamra ta' Malta. Caruana (jiġifieri l-Kanonku Franġisk Saverju li mbagħad fi żmien l-Ingliżi nħatar Isqof) qal li dik il-bandiera ma kienet tiswa għalxejn. Ried il-bandiera ta' Napli, potenza ħabiba ta' l-Ingliżi li kienu għedewwa tal-Franċiżi, u potenza qrib ħafna li minnha seta' jittama li jiġu l-fornimenti tal-munizzjon u l-armi għall-Maltin."

Dan it-tagħrif jisqa mitqlu deheb biex jitqiegħed kollox fil-perspettiva vera tiegħu u jitneħħew ħafna ineżattezzi u inkorrettezzi storiċi dwar il-qawma kontra r-Repubblika. Ħafna storiċi jagħmlu l-iżball li jaħsbu li l-Maltin taħt Franġisk Saver Caruana qed jiġġieldu għall-"patrija". Jista' jkun li kien hemm uħud minnhom qed jiġġieldu għal Malta bħala kunċett patrijottiku astratt - kunċett li nibet snin wara - imma l-mexxejja tagħhom, fosthom Caruana, żgur li le. Setgħu kienu qed jiġġieldu għal bosta ideali, fosthom il-ġid u l-ħakma kontra r-Repubblika, imma għal Malta bħala patrija żgur li le.

M'għandniex xi ngħidu Dun Salv Ciappara jaqbel ma' Caruana u l-bqija imma ma jippruvax jgħawweġ il-fatti kif għamlu u għadhom jagħmlu xi storiċi l-lum. Dan huwa preġju li wħud minn dawn ta' l-aħħar-li suppost jafu aħjar - huma, b'xorti ħażina, neqsin minnu.

Xi kultant tħoss li jkollok tistaqsi: tassew li għamilna progress intellettwali fil-kitba u fl-istħarriġ ta' l-istorja minn wara Dun Salv Ciappara 'l hawn? ■